**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 9 ta' Awwissu 2022**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**JOSEPH AGIUS**

**Kaz Nru: 184-118**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Joseph Agius** bin Paul u Maria Assunta nee Micallef imwieled Pieta' fis-7 ta' Gunju 1990, residenti gewwa Joseph Farmhouse, Hofra tar-Ritz, Limiti tar-Rabat u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 290590M, akkuzat talli:

1. Fit-13 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta ta' 19:10hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa Had-Dingli u fil-Gzejjer Maltin, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar, matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), L.S. 549.42.
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra, dan bi ksur ta' SL.S. 549.42 Reg 12(1).

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi jikkaccja jew jipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonjiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(a), SL 549.42 u reg 8(1) ta' L.S. 549.42.
4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha jew ipprova jiehdu xi ghasfur billi uza xi xbieki u dan bi ksur ta' regolamenti 7(1) (e) tal-L.S. 549.42.
5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita' ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew eletroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(d), L.S. 549.42.
6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 549.42.
7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx ta' l-ghada filghodu, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur b'xi mezz jew garr xi arma tan-nar li tkun ikkargata, jew barra lghata taghha u dan bi ksur ta' regolametn 19 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta li nhar it-13 ta' Dicembru 2020, il-Pulizija rceviet rapport minghand persuna fejn dan stqarr illi gewwa Had-Dingli, in-naha tal-Misrah Suffara, kien hemm persuna li kienet qed tonsob wara hinijiet legali kif ukoll li kellha l-birdcallers attivi ghall-pluvieri. Din il-persuna provdiet ukoll lill-pulizija l-koordinati ta' fejn kien dan il-persuna. L-ufficjali tal-pulizija wasslu fuq il-post (ko-ordinati 35.874048, 14.370402) ghall-habta tas-19.10hrs u hemmhekk setghu jisimghu hsejjes ta' bird callers kif ukoll innutaw attivita' t'insib ghall-pluviera. Fuq il-post huma identifikaw ukoll lill-qua imputat Joseph Agius, li wara li gie mghoti d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt ghall-assistenza legali (li huwa rrifjuta u ta' dan gie iffirmat dokument), Agius ikkonferma li l-mansab kien tieghu. Rapprezentant tal-WBRU kkonferma li Agius kellu licenzja generali tal-insib ghall-ghasafar; licenzja generali ghall-kacca tal-ghasafar u anke ghall-kacca tal-fenek. Kellu ukoll licenzja specjali ghad-deroga ghall-insib tal-pluviera u malvizz. L-istess rapprezentant tal-WBRU pprezenta ukoll mappa bil-ghan li jindika fejn kien

irregistrat il-mansab tal-qua imputat. F'din il-mappa jirrizulta ukoll li f'dawk l-inhawi kien hemm diversi mnasab irregistrati fuq diversi nies differenti. Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll sabiex jixhed rapprezentant tal-MET Office li kkonferma li dakinhar ix-xemx nizlet fl-16.49hrs. Dakinhar it-temp kien imsahhab bil-halbiet tax-xita u rih kien majjistral forza hamsa ghal sitta.

Mill-kontro-ezami ta' PC789 Said irrizulta li dakinhar tal-ispezzjoni relatata mal-kaz odjern marru diversi ufficjali tal-pulizija fuq il-post u dawn inqassmu f'diversi skwadri u saret spezzjoni fuq diversi mnasab fl-area. Ippreciza ukoll li dakinhar l-imputat odjern rah hdejn ix-xbieki tal-mansab u li l-mansab kien armat b'mod attiv. Said jghid li ghalkemm huwa ma dahalx fil-kamra, hemmhekk kien hemm diversi persuni ta' sess maskili li ghandhom licenzji ghal-insib. Huwa jispjega li mmexxew bi proceduri kontra Agius ghaliex huwa kien ammetta maghhom li kien huwa li qed jonsob u li l-ohrajn kienu biss osservaturi. Said xehed ukoll li dakinhar tal-ispezzjoni l-imputat kien zarma l-mansab fuq struzzjonijiet taghhom. Jghid ukoll li dakinhar gie elevat il-bird caller (li tieghu kien instemgha l-ghajjat) madanakollu meta sussegwentament gie ccekjat irrizulta li kien bla SD Card.

Mill-kontro-ezami ta' PC47 Bernard Briffa jirrizulta li t-telefonata dwar insib illegali dahlet xi sebgha nieqsin kwart. Jikkonferma li l-bird caller kien qed jinstemgha malli wasslu fuq il-post izda imbaghad intefa hekk kif hargu mill-vetturi. Spjega ukoll li kien hemm zewg persuni ohra fil-kamra fil-vicinanzi tal-mansab tal-qua imputat madanakollu dawn ma gewx iccekjati minnu. Jispjega li kien hemm il-gbid tal-mansab diehel fid-dura. Ikkonferma ukoll li dakinhar kienet niezla x-xita u li fl-ghalqa setgha jara d-decoys ghall-pluvieri.

Fuq ordni tal-Qorti xehed ukoll PS1526 Charlon Borg li spjega l-procedura ta' kif jinzammu l-affarijiet gewwa l-Quarter-Master fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa spjega li l-bird caller in kwistjoni dahal ghandu gewwa sealed envelope u huwa qatt ma fethu. Huwa prezenta ukoll informazzjoni bil-ghan li juri minn tah l-imsemmi bird caller u min gabru minghandu.

Mill-kontro-ezami ta' PC873 Daniel Attard jirrizulta li l-informazzjoni li rceviet il-pulizija kienet wahda anonima. Huwa ma jiftakarx il-hin li fih il-pulizija rceviet l-imsemmi rapport. Jispjega li malli wasslu l-pulizija Agius kien barra l-kamra. Huwa jghid ukoll li l-karozza tal-pulizija kienet tidher diehla. Attard jispjega li dakinhar kien hemm zewg persuni ohra mieghu, madanakollu huma ma hadux id-dettalji taghhom ghaliex Agius qal li l-mansab huwa tieghu. Jghid li lanqas ma ccekkja jekk dawn il-pesuni humiex illecenzjati bhala kaccaturi jew nassaba. Ikkonferma li fil-vicinanzi hemm hafna mnasab. Jghid li Agius intalab jaghtihom il-bird caller u huwa kien ikkopera u ghaddielhom l-imsemmi device. Jispjega li kif kienu dehlin bil-

karozza fl-inhawi il-bird callers kien jinstemghu sew madanakollu dawn waqqfu hekk kif huma dehru hergin mill-karozza. Jghid ukoll li ghasafar barra l-mansab huwa ma kienx ra u li dakinhar kienet ix-xita. Jghid ukoll li lil Agius fl-ebda hin ma rah jonsob.

Xehed ukoll minn jeddu l-imputat Joseph Agius li spjega li dakinhar huwa kien qed jonsob fi stagun miftuh. Jispjega li ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart qabdet ix-xita, gabar id-decoys u l-ghasafar kollha b'tali mod li ma kien fadallu xejn fuq il-mansab. Spjega li minhabba l-maltemp ma setghax jaghti l-mansab. Jispjega li malli talbuh ghall-cassette, huwa mar gabu mill-karozza u tah lill-pulizija, madanakollu jispjega li dan il-cassette ma jahdimx bhala bird caller u li diski biss kien fih. Jghid li qabel gew il-pulizija kien hemm hafna tifsir tal-ghasafar fl-inhawi ghaliex mhux hu biss kien qed jonsob.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

Illi jibda biex jinghad li nhar it-13 ta' Dicembru 2020 l-istagun ghall-insib tal-pluviera u l-malvizz kien miftuh. Matul il-jiem fost il-gimgha l-istagun kien jiftah saghtejn qabel tlugh ix-xemx u jaghlaq saghtejn wara nzul ix-xemx. Skond il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni x-xemx nizlet 16.49hrs u ghaldaqstant l-istagun ghalaq 18.49hrs.

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna l-qua imputat gie akkuzat: *"fit-13 ta' Dicembru 2020 <u>ghall-habta ta' 19.10hrs</u> u fi granet <u>u l-hinijiet ta' qabel</u>"* (emfazi ta' din il-Qorti).

Meta tigi biex tanalizza r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, il-Qorti hija marbuta bl-imputazzjonijiet hekk kif dedotti mill-prosekuzzjoni fil-parametri ta' zmien u lok hemmhekk indikat. Ghalkemm huwa minnu li c-citazzjoni jew l-komparixxi hija ritenuta bhala un *avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet dedotti huma ta' indoli penali. Ghaldaqstant din il-Qorti trid necessarjament tanalizza r-reita o meno tal-imputat li jkun fil-parametri ta' zmien indikat fil-komparixxi.

Fil-kaz odjern il-kontestazzjoni principali hija dwar il-hin u dana ghaliex l-istagun kien jaghlaq 18.49hrs filwaqt li l-imputazzjoni hekk kif dedotta taghmel referenza ghall-*"habta 19.10hrs …. u l-hinijiet ta' qabel"*. Ghaldaqstant qed issir referenza ghall-ghoxrin minuta ta' qabel – li fih innifsu huwa hin limitat ferm.

Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li tenut kont li l-irregolita' principali kienet insib fi stagun maghluq habba l-hin, hekk kif inghad f'sentenzi ohra mghotija minn din il-Qorti, kien impellenti fuq il-prosekuzzjoni li jakkuzaw lill-imputat

b'hin iktar specifiku u iktar minn hekk li jressqu provi precizi dwar il-hin. Meta l-istagun jaghlaq 18.49hrs u l-imputazzjoni taghmel referenza ghall-habta tas-19.10hrs u l-hinijiet ta' qabel, u ghaldaqstant l-avvarija ta' hin hija biss ta' ghoxrin minuta (li fiha setghet sehhew l-irregolarita'), l-prosekuzzjoni trid necessarjament tipprova li dak li qed jigi allegat minnha sehh effettivament f'dawk l-ghoxrin minuta u dana sal-grad rikjest mil-ligi.

X'jirrizulta mill-provi mressqa fl-atti processwali odjerni dwar il-hin:

- PC873 D. Attard, fl-affidavit jghid li l-pulizija wasslu fuq il-post 19.10hrs. In kontro-ezami Attard jghid li ma jiftakarx il-hin ta' meta dahlet it-telefonata.
- PC789 M. Said, fl-affidavit jghid li l-pulizija wasslu fuq il-post 19.10hrs. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami huwa jghid li ma jiftakarx fi xhin dahlet it-telefonata madanakollu jghid li ma damux ma marru fuq il-post. Fil-fatt jghid li forsi ghaddew ghaxar minuti.
- PC47 B. Briffa, fl-affidavit jghid li l-pulizija wasslu fuq il-post 19.10hrs. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami jghid li t-telefonata bl-informazzjoni dahlet ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart.
- Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li l-pulizija waslu fuq il-post tal-ispezzjoni ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija.
- Mill-okkorenza ipprezentata jidher li Attard dahal ir-rapport fis-sistema dakinhar stess ghall-habta tat-20.55hrs, filwaqt li l-hin tal-akkadut huwa mnizzel bhala 19.10hrs.
- Id-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-assistenza legali ffirmata mill-imputat jidher li giet ffirmata ghall-habta tat-20.08hrs.

Konsegwentament mill-provi mressqa jirrizulta b'mod generali li l-hin tal-ispezzjoni kien dak ta' bejn is-19.00hrs u 19.10hrs.

Mill-provi mressqa jirrizulta ukoll li dakinhar tal-ispezzjoni kien ir-rih kif ukoll kienet nizla ftit xita.

Jirrizulta ukoll li l-pulizija raw lill-qua imputat fuq il-mansab (hdejn ix-xbiek) u in kontro-ezami fuq mistoqsija diretta tal-abbli avukat difensur, PC873 Daniel Attard, jiddikjara bil-gurament li huma bl-ebda hin ma ra lill-imputat jonsob.

*"Difiza:* *Inti lis-Sinjur rajtu jonsob? Iva jew le? Dik id-domanda.*
*Xhud:* *Rajtu jonsob, le, fil-mansab god-dura. Ma rajtux jonsob.*
*Difiza:* *Ma rajtux jonsob.*
*Xhud:* *Dak il-hin."*

Jirrizulta ukoll li kien hemm zewg persuni ohra fid-dura li ma tharrkux mill-pulizija ghaliex il-qua imputat ha responsabilita' ta' kollox. Mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jinghad ukoll li fuq il-mansab ma kienx hemm ghasafar. Fir rigward tal-bird caller, il-pulizija jixhdu li huma talbu lill-imputat sabiex jghaddilhom il-bird caller u l-imputat skond l-istess struzzjonijiet tahom il-bird caller. Hadd mill-ufficjali tal-pulizija ma jixhed b'mod car dwar min fejn il-qua imputat gab il-bird caller, jekk hux minn fuq il-mansab jew kwalunkwe lok iehor. L-imputat jixhed li l-cassette gabu mill-karozza. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-pulizija li dakinhar f'dak il-hin ma saritx spezzjoni biss fuq il-qua imputat u li kien hemm diversi ghajjat tal-bird callers mixghulin.

Fattur iehor li din il-Qorti ma tistax tiskarta huwa li fl-affidavits tal-pulizija nghad li l-imputat refa' r-responsabilita' u ammetta li l-mansab tieghu. Fil-fatt PC 873 Attard jghid: *"... ammetta li kien tieghu l-mansab"* u PC789 Said jghid: *"Joseph Agius ametta li l-mansab kien tieghu u refa' r-responsabilita' ghalih"*. Konsegwentament, skond dak li nghad fl-affidavits, il-qua imputat ammetta mal-pulizija li dak il-mansab kien tieghu izda fl-ebda hin ma ammetta li huwa kien qed jonsob wara l-hinijiet stipulati mil-ligi. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-qua imputat ukoll ikkoferma li dak il-mansab kien tieghu u li dakinhar, aktar kmieni, kien qed jonsob mill-istess mansab. Fix-xhieda tieghu huwa jghid li dak il-hin tal-ispezzjoni huwa ma kienx qed jonsob. Jghid ukoll li ma kienx ghadu ghatta l-mansab minhabba l-kundizzjoni tat-temp dak il-hin.

Fid-dawl ta' dak suespost jirrizultaw is-segwenti rizultanzi:

i. l-hin indikat fic-citazzjoni huwa dak 'ghall-habta tas-19.10hrs u l-hinijiet precedenti';
ii. li l-istagun ghalaq ghoxrin minuta qabel 19.10hrs u cioe' 18.49hrs;
iii. li meta wasslu l-pulizija fuq il-post fl-ebda hin ma raw lill-imputat jonsob, ma rawx ghasafar fuq il-mansab u mill-provi ma jirrizulta xejn li jikkontradixxi dak li xehed l-imputat li huwa gab il-cassette mill-karozza; u
iv. ghalkemm l-imputat ammetta mal-pulizija li l-mansab kien tieghu u ha responsabilita' tal-istess fl-ebda hin ma jirrizulta li huwa ammetta li kien qed jonsob wara li ghalaq l-istagun u cioe' wara 18.49hrs.

Konsegwentament, in vista ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li fil-hin limitat ta' ghoxrin minuta li precedew is-19.10hrs l-imputat kien qed jonsob. Ghalkemm huwa minnu li l-mansab ma kienx mghoti, jirrizulta daqstant car li ma kienx hemm l-elementi l-ohra necessarji ghall-insib u cioe' l-ghasafar jew it-tifsir tal-ghasafar irrekordjat. Anke l-imputat ma kienx fid-dura izda kien fuq il-mansab in kwistjoni. Konsiderando l-hin qasir ferm bejn l-gheluq tal-istagun u l-ispezzjoni tal-pulizija (bejn 10-

20 minuta), kif ukoll tenut kont tat-temp dakinhar, l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabli li dak il-hin tal-ispezzjoni ma kienx qed jonsob izda setgha kien qed izarma l-affarijiet relatati mal-insib.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed issib lill-qua imputat, Joseph Agius, mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**